MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 254/2003

**Cementstone Manufacturing Co Limited**
**vs**
**Joseph Vella**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premess prezentat mis-socjeta' attrici, fit-28 ta' Jannar, 2003, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tnejn u sittin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (LM662.81) ghal liema prezz il-konvenut xtara materjal minghand is-socjeta' attrici u beda jhallas pagamenti akkont, pero' ghad fadallu jhallas is-somma ta' sitt mija u tnejn u sittin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (LM662.81);

Illi nonostante d-diversi interpellazjonijiet sabiex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja tal-materjal sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat.

Sema’ lill-Avv Dr Tanya Sammut tikkonferma bil-gurament li l-ammont dovut huwa ta’ erba’ mija u tnejn u sittin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (LM462.81) stante pagament fil-mori tal-kawza ta’ mitejn lira Maltija (LM200.)

Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erba’ mija u tnejn u sittin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (LM462.81), bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------